

Brussell, 20 ta' Jannar 2021
(OR. en)

05288/21

IXIM 13
JAI 30
AVIATION 7

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 19 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar ir-rieżami konġunt tal-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 19 final.

Mehmuż: COM(2021) 19 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.1.2021
COM(2021) 19 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar ir-rieżami konġunt tal-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-
Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-
Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-
Protezzjoni tal-Fruntieri**

{SWD(2021) 5 final}

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Dwar ir-rieżami konġunt tal-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri

Introduzzjoni

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-servizz doganali Awstraljan¹ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2012. Skont l-Artikolu 24(2) tal-Ftehim PNR bejn l-UE u l-Awstralja, il-Partijiet għandhom jirrevedu b'mod konġunt l-implimentazzjoni tal-Ftehim u kwalunkwe kwistjoni relatata miegħu sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u regolarment wara dan.

Ir-rieżami konġunt huwa bbażat fuq il-metodoloġija żviluppata bejn it-timijiet tal-UE u l-Awstralja għall-ewwel rieżami konġunt tal-Ftehim li sar f'Canberra fit-29-30 ta' Awwissu 2013. L-eżitu ġie rrapportat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2014².

It-tieni reviżjoni konġunta tal-Ftehim saret fl-14 ta' Awwissu 2019 f'Canberra, flimkien mal-evalwazzjoni konġunta tal-istess Ftehim³. Il-proċess ta' thejjiġa għar-reviżjoni konġunta u r-Rapport sussegwenti huma deskritti fl-aħħar ta' dan ir-Rapport. Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-Rapport jipprovdi informazzjoni aktar dettaljata u analiżi komprensiva tal-kwistjonijiet kollha koperti minn dan ir-rieżami konġunt.

Il-proċess ta' thejjiġa għar-rieżami konġunt u r-Rapport

¹ Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mit-trasportaturi tal-ajru lis-Servizz Doganali u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri tal-Awstralja, ĠU L 186, 14.7.2012, p.4.

² Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami konġunt tal-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mit-trasportaturi bl-ajru lis-servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri COM/2014/0458 final.

³ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-Rieżami Konġunt tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mit-trasportaturi bl-ajru lejn lill-Awstralja, COM(2020)702.

- Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lid-Dipartiment tal-Affarijiet Interni (minn hawn' il quddiem "id-Dipartiment") tal-Awstralja fit-28 ta' Ġunju 2019 qabel ir-rieżami konġunt. Il-kwestjonarju kien fih mistoqsijiet speċifiċi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim mid-Dipartiment u dwar il-bidliet organizzattivi fis-sistema Awstraljana. Id-dipartiment ipprova abbozz ta' tweġibiet bil-miktub għall-kwestjonarju qabel ir-reviżjoni konġunta u verżjoni konsolidata finali minn hemm' il quddiem.
- It-tim tal-UE wettaq iż-żjara tar-rieżami konġunt fl-14 ta' Awwissu 2019 u ngħata aċċess għall-bini tad-Dipartiment. It-tim tal-UE ma kellu l-ebda aċċess għal kwalunkwe sistema li tipproċessa d-data tal-PNR.
- Fuq talba tad-Dipartiment, il-membri kollha tat-tim tal-UE ffirmaw ftehim ta' nondivulgazzjoni bħala kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tagħhom f'dan l-eżerċizzju.
- It-tweġibiet għall-kwestjonarju ġew diskussi fid-dettall mad-Dipartiment. It-tim tal-UE kellu wkoll l-opportunità li jqajjem aktar mistoqsijiet mal-uffiċjali tad-Dipartiment u jindirizza diversi aspetti tal-Ftehim.
- Is-sejbiet tat-tim tal-UE ġew stabbiliti fid-dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż li ġie kondiviż ukoll mad-Dipartiment, li ta l-opportunità lill-Awstralja biex tikkummenta dwar l-ineżattezzi u tidentifika informazzjoni li ma tistax tiġi żvelata lill-udjenzi pubbliċi.

Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-2013

Ir-rakkomandazzjonijiet kollha mir-rieżami tal-2013 jew tlestew jew il-ħidma għadha għaddejja.

Fir-rieżami konġunt tal-2013, is-sejba ġenerali kienet li l-Awstralja kienet implimentat bis-sħiħ il-Ftehim, irrispettat l-obbligi tagħha fir-rigward tas-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data skont il-Ftehim, u pproċessat id-data tal-PNR f'konformità mal-kundizzjonijiet stretti stabbiliti fih. B'mod aktar speċifiku, intwera li l-Awstralja ma pproċessat l-ebda data sensitiva miżmuma fis-settijiet ta' data tal-PNR miksuba skont il-Ftehim u kienet qed tfittex b'mod attiv li tkompli ttejjeb l-identifikazzjoni u t-tħassir awtomatizzati ta' data sensitiva jekk tasal għand it-trasportaturi bl-ajru. Barra minn hekk, il-mod immirat li bih l-Awstralja vvalutat id-data tal-PNR kontra l-indikaturi tar-riskju wera li jimminimizza b'mod utli l-aċċess għad-data personali. Fl-aħħar, l-ipproċessar tad-data tal-PNR taħt il-Ftehim kien

soġġett għal livell għoli ta' sorveljanza indipendenti mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Awstraljan għall-Infommazzjoni.

Barra minn hekk, it-tim tal-UE stieden lill-Awstralja biex timplimenta miżuri biex tiżgura l-ħabi tal-elementi kollha tad-data wara tliet snin li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-data tal-PNR. Dawn il-miżuri kienu ġew implimentati sar-rieżami tal-2019 u għaddej kuljum proċess awtomatizzat biex jiġu identifikati dawk ir-rekords li waslu tliet snin minn meta waslu.

Ir-rieżami tal-2013 irrakkomanda lill-Awstralja biex tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rappurtar li jippermetti l-Awstralja tgħarraf lill-Istati Membri jekk id-data tal-PNR rċevuta taħt il-Ftehim, jew informazzjoni analitika li jkun fiha data bħal din, eventwalment tiġix kondiviża ma' pajjiż terz. Skont l-informazzjoni pprovduta matul ir-rieżami tal-2019, it-tim tal-UE jqis li jista' jsir aktar titjib għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' rappurtar u ħareġ rakkomandazzjoni f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, ir-rieżami tal-2013 irrakkomanda lill-Awstralja biex tiżgura li s-salvagwardji stabbiliti fil-Ftehim jingħataw ukoll għad-data tal-PNR estratta. Skont l-informazzjoni pprovduta matul ir-rieżami tal-2019, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni tad-data tal-PNR trid tissodisfa dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-iżvelar flimkien mal-kundizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-PNR, u tiġi applikata twissija xierqa għad-data estratta lill-aġenziji sħab tal-infurzar tal-liġi. Ir-rieżami tal-2013 irrakkomanda wkoll lill-Awstralja biex ittejjeb l-isforzi tagħha biex tiżgura r-reċiproċità u tikkondividi b'mod proattiv informazzjoni analitika miksuba mid-data tal-PNR mal-Istati Membri u, fejn xieraq, mal-Europol u l-Eurojust. Filwaqt li sar titjib u filwaqt li d-Dipartiment jikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim skont l-Artikolu 6 dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, it-tim tal-UE jinnota li għad hemm lok għal titjib u kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, l-Europol u l-Eurojust.

L-eżitu tar-rieżami konġunt tal-2019

It-tim tal-UE baqa' jsib li l-Awstralja implimentat bis-sħiħ il-Ftehim f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fih. Id-Dipartiment jirrispetta l-obbligi fir-rigward tas-salvagwardji għall-protezzjoni tad-data tal-PNR ipproċessata b'konformità mal-kundizzjonijiet stretti stipulati fil-Ftehim. Id-Dipartiment jikkonforma mal-obbligu tan-nondiskriminazzjoni u l-obbligu li ma jipproċessax data sensittiva. Barra minn hekk, id-Dipartiment jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jipprovdi d-dritt ta' aċċess, rettifika, tħassir u rimedju u l-ipproċessar tad-

data tal-PNR huwa soġġett għal livell għoli ta' sorveljanza indipendenti mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Awstraljan għall-Infommazzjoni.

Madankollu, l-Awstralja hija mistiedna tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Li ssaħħaħ il-proċess għall-kondiviżjoni tad-data tal-PNR u l-kooperazzjoni operazzjonali bejn il-Europol, il-Eurojust, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti Awstraljani.
- Li tistabbilixxi mekkaniżmi li għandhom l-għan li jħassru immedjatament data sensittiva, jekk tiġi trasferita mit-trasportaturi bl-ajru. It-tim tal-UE jirrikonoxxi l-konferma tad-Dipartiment, li sadanittant waslet, li diġà bdiet il-ħidma biex jiġu stabbiliti dawn il-mekkaniżmi.
- Li tiżgura l-limitazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess tal-uffiċjali għad-data tal-PNR.
- Għall-valutazzjonijiet perjodiċi magħmula mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Awstraljan għall-Infommazzjoni, tinkludi wkoll il-konformità ma' prinċipji rilevanti oħra fil-kuntest tal-ipproċessar tad-data tal-PNR bħall-iżvelar transfruntier ta' *data* personali jew it-tħassir ta' data sensittiva.
- Li tistabbilixxi kontrolli ta' segwitu biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet kollha fl-Artikolu 18 jiġu ssodisfati, b'mod partikolari dwar restrizzjonijiet speċifiċi għall-aċċess, l-użu u l-iżvelar ulterjuri tal-infommazzjoni.
- Tirrispetta l-impnġi tagħha li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rappurtar biex tipprovdi infommazzjoni f'konformità mal-Artikolu 19 u d-dikjarazzjoni konġunta għall-Ftehim, inkluż lill-Istati Membri tal-UE fejn id-data ta' ċittadin jew resident tal-Unjoni Ewropea tiġi trasferita lil pajjiż terz.
- Li tkompli ttejjeb l-infommazzjoni lill-passiġġieri fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR u li tinkoraġġixxi lit-trasportaturi bl-ajru biex jipprovdu lill-passiġġieri b'infommazzjoni fir-rigward tal-ġbir, l-ipproċessar u l-għan tal-użu tad-*data* tal-PNR.

